## IL-ĠNIEN TAL-MALL

is-Sur Mario Fenech




Wieħed minn numru ta' ġonna sbieħ li nsibu fil-lokalita` tal-Floriana huwa dak li ħafna jsejħulu bħala l-Ġnien tal-Mall. Dan jinsab bejn l-akbar Pjazza ta` Malta jiġifieri Pjazza San Publju jew kif inhu magħruf il-Fosos tal-Furjana u l-Arena tal-Indipendenza. Għandu tul ta' madwar 300 pied u kien sar bil-ħidma tal-Gran Mastru Lascaris fis-sena 1656 bil-ħsieb li fih imorru għall-ħin tar-rikreazzjoni l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Gwann.

F'dan il-ġnien kienet tintlagħab il-logħba tal-ballun li kienet tissejjaħ Maglio. Din kienet tkun boċċa kbira tal-injam li kienet tingħata daqqiet b'mazza tal-injam u min iwassalha l-aktar 'il bogħod jirbaħ.Meta nfetaħ il-ġnien tqiegħdet plakka li kellha din il-kitba fuqha " Għall-qerda tal-Ozju u tal-Vizzju lilkom Kavallieri din il-Pjazza tingħata. Ilagħbu, hekk eħfef mill-gwerra. Dan il-logħob jgħinkom tnaqqsu s-saħta, il-logħob tal-ażżard, l-inbejjed u l-ġibdiet ħżiena."

Aktar tard matul il-ħakma tal-Imperu Ingliż meta l-Gvernatur kien Sir Alexander Ball, il-ġnien ġie mżejjen bi xtieli u siġar u ġie miftuħ għall-pubbliku.Tqiegħdet plakka oħra mal-ġenb ta` wieħed mill-bibien tal-ġnien li tinqara hekk "Dan il-ġnien inbeda u kien lest taħt l-Amministrazzjoni tal-Kav. Baruni Alexander Giovanni Ball Gvernatur tal-Gżejjer ta' Malta u Għawdex , f'isem ir-Re Ġorġ Tlieta Re tal-Gran Brittanja. Dan il-lok hu mħolli għad-divertiment pubbliku. Wara li ntemmet it-Tieni Gwera Dinjija, il-ġnien tneħħewlu l-ħitan tal-ġnub u sar kanċell tal-ħadid biex tkun tista' tidher is-sbuħija tal-ġnien mit-triq.

Quddiem iż-żewġ bibien tal-ġnien kien hemm il-monument tal-Gran Mastru Manoel De Vilhena benefattur kbir ta' din il-lokalita` tal-Floriana. Dan il-monument kien quddiem il-Knisja ta' Sant`Antnin li hemm fil-Forti Manoel.Wara kien ġie meħud fil-ġnien li kien hemm biswit il-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt sakemm minn hemm

Soċjeta` Filarmonika Vilhena
14, Triq Sant' Anna
Floriana, FRN 9013
www.vilhenabc.com





tneħħa biex għamel il-wisa' flimkien mal-ġnien biex issir il-Pjazza bil-Monument tar-Regina Vittoria fin-nofs. Għaldaqstant ġie mqiegħed quddiem dan il-ġnien. Dam hemm sakemm kellu jagħmel il-wisa' għall-Monument tal-Indipendenza ta' Malta. Fil-preżent il-Monument qiegħed fil-pjazzetta mal-ġenb tat-Triq Sant` Anna fil-Floriana stess.

Maż-żmien, il-ġnien kien imżejjen b`numru ta' monumenti ta' nies magħrufa bħal ma huma Sir Luigi Pisani, l-Markiż Guzeppi Scicluna, Sir Adrian Dingli, il-Markiż Vincenzo Bugeja, Sir Ugo Mifsud, Nicolo Papaffi u Sir Filippu Sciberras.

Meta nġieb il-monument tal-Gran Mastru Manoel De Vilhena mill-ġnien tal-Belt miegħu kienet inġiebet ukoll il-funtana tad-delfini li hemm eżatt fid-daħla prinċipali tal-ġnien.

Bla dubju ta' xejn dan il-ġnien li jinsab bejn żewġ wesgħat tant kbar huwa għal qalb mhux biss ta' dawk li jgħixu f`din il-lokalita`, izda wkoll għal qalb dawk kollha li japprezzaw il-ġmiel li jkun hemm madwarhom.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



Soċjeta` Filarmonika Vilhena
14, Triq Sant' Anna
Floriana, FRN 9013
www.vilhenabc.com